# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Christabelle Chetcuti]

vs

Abdallah Ilewe

Illum, 21 ta' Mejju, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Abdallah Ilewe detentur ta' numru tal-Pulizija/Refcom 31342 akkuzat talli matul il-lejl tal-14 ta' Mejju 2021 u l-15 ta' Mejju 2021 gewwa Swatar, Birkirkara u/jew fil-gzejjer Maltin

1. Issoggetta lil Marylyn Mifsud ghal xi att u, jew imgiba li kellha konnotazzjonijet sesswali, inkluz kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem

miktuba, stampi, u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgiba ma kienux mixtieqa mill-vittma Marylyn Mifsud, u setghaw ragonevolment jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u jew intimidatorji lejha, liema delitt twettaq b'vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna offiza ta' natura hafifa, fuq il-persuna ta' Marylyn Mifsud hekk kif iccertifikha Dr David Pace MD mic-centru tas-sahha tal-Mosta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra Marylyn Mifsud sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara, lilha jew il-haddiehor.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Marylyn Mifsud u tal-familjari taghha kollha u dana permezz ta' Garanzija taht l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll permezz ta' Ordni ta' Protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza jew

individwi ohra skond l-artikolu 412(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Rat l-artikoli 251A(1)(e), 251H(f), 221(1), 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija u stante li l-imputat ikkopera mal-prosekuzzjoni, il-Qorti qed issib lill-imputat Abdallah Ilewe hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u stante li t-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi huma assorbiti fl-ewwel (1) akkuza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-imputat Abdallah Ilewe ghal tlettax (13)-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Il-Qorti qed taghmel Ordni taht l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ghandha tifforma parti minn din is-sentenza.

Finlament spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**